

Brussell, 4 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8077/23

MI 265
ENT 74
COMPET 299
CHIMIE 33
ENV 341

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar sittax-il Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) - Adozzjoni

1. Fis-6 ta' Mejju 2021, il-Kunsill¹ għedded għal erba' snin oħra l-ħatriet tal-ewwel mandat u adotta ħatriet ġodda għal total ta' tnax-il Membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Mejju 2025, f'konformità mal-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006².

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2021 li taħtar tnax-il membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ĠU C 185, 12.5.2021, p. 4–5;

² Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Rispettivament, bid-Deċiżjoni preċedenti tiegħu tas-27 ta' Mejju 2019³, il-Kunsill ħatar ħmistax-il Membru tal-Bord ta' Tmexxija. Abbażi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' hawn fuq, huma mistennija sittax-il Membru għal mandat ġdid.

2. Bejn il-31 ta' Jannar u t-28 ta' April 2023, il-Kunsill irċieva s-sittax-il nomina għal perjodu ta' erba' snin għat-tieni mandat mill-Ġermanja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Polonja u l-Greċja, u minn Franza, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Portugall, l-Irlanda, l-Estonja, il-Belġju u d-Danimarka għal mandat ġdid għas-Sħubija tal-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2023 sal-31 ta' Mejju 2027.
3. F'dan il-kuntest, huwa rakkomandat li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif tinsab fid-dokument ST 8076/23 (test rivedut mill-ġuristi lingwisti) bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
 - jaqbel li din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2019 li taħtar ħmistax-il membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU C 185/03, 29.05.2019, p. 4-5).